**MINUTI**

**GVERN LOKALI TA' XBIEX**

IS-SITT LEGISLATURA 2008 - 2013

**SEDUTA NUMRU 37**

IT-TNEJN 23 TA' JANNAR 2012 FIL-5.30 TA' WARA NOFS-IN-NHAR

**PREZENTI**

| | |
|---|---|
| ANTOINETTE VASSALLO | SINDKU |
| ANTHONY FARRUGIA | VICI SINDKU |
| ANTHONY CACHIA CASTELLETTI | KUNSILLIER |
| EUGENIO MUSCAT | KUNSILLIER |
| FRANK ROE | KUNSILLIER |

**TALBA**

IS-SINDKU QALET IT-TALBA

## I APPROVAZZJONI TA' MINUTI

i Il-minuti tas-Seduta 36, inkluz l-aggornament, ittiehdu bhala moqrija.

ii Is-Sindku pproponiet li l-minuti tas-seduta numru 37 li saret fit-13 ta' Ottubru 2011 jigu approvati. Il-Vici Sindku ssekonda. Dawn gew approvati unanimament.

iii Is-Sindku pproponiet li l-aggorament tas-seduta numru 37 li saret fit-3 ta' Novembru 2011 jigu approvati. Il-Kunsillier F. Roe issekonda. Dawn gew approvati nem con.

iv Is-Sindku pproponiet li l-aggorament tas-seduta numru 37 li saret fit-6 ta' Dicembru 2011 jigu approvati. Il-Kunsillier F. Roe issekonda. Dawn gew approvati bi 3 voti favor u 2 kontra.

v Is-Sindku pproponiet li l-aggorament tas-seduta numru 37 li saret fl-14 ta' Dicembru 2011 jigu approvati. Il-Vici Sindku A. Farrugia ssekonda. Dawn gew approvati nem con

vi Il-minuti gew iffirmati mis-Sindku A. Vassallo u mis-Segretarju Ezekuttiv M. Pisani.

## II PUNTI LI JOHORGU MILL-MINUTI

i Is-Sindku tat rendikont ta' l-ahhar xoghlijiet tal-progett ta' manutenzjoni tal-flats tal-Gvern.

ii Inqrat l-ittra tal-Lufthansa b'risposta ghal-korrispondenza tal-Kunsill dwar il-biljetti ta' l-ajru. Is-Sindku pproponiet li niktbu l-AKL u nitolbu li l-Kunsill jinghata spjegazzjoni fi zmien gimgha. Il-Kunsill qabel ma dan u gie deciz ukoll li jekk ma tinghatax risposta l-kaz jigi riferut lill-Ministru.

Antoinette Vassallo
Sindku

Marisa Pisani
Segretarju Ezekuttiv

## II PUNTI LI JOHORGU MILL-MINUTI (jkompli…)

iii Il-Kunsill gie nfurmat li m'hemm xejn irregulari li c-certifikazzjoni ta' servizzi ssir mill-Kunsillier responsabbli ghal dak id-dekasteru (dment li dawn ma jkunux teknici) anke ghal fatt li l-Ligi tipprovdi dan. Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat li l-invoices li kien hemm pendenti thallsu.

iv Il-Kunsill iddiskuta ix-xoghlijiet infrastrutturali li t-Transport Malta ghamlet fi Triq il-Principessa Margerita. Is-Segretarju Ezekuttiv infurat li saru diversi lmenti peress li t-tarmac diga' qed jinqala'. Il-Kunsillier E. Muscat informa li c-certifikazzjoni ghadha ma saritx u li din se terga' issir mill-gdid.

v Dwar il-pelican lights ta' Triq Abate Rigord il-Kunsill talab li tinkiteb ittra lit-TM fejn dawn jinzammu responsabbli jekk jinqala' xi incident. Il-Kunsill talab ukoll li jinghata spjegazzjoni dwar il-fatt li l-un/loading tan-naha t'isfel ta' Triq Abate Rigord tnehhiet u minflok saret fit-tarf ta' Triq l-Imradd.

vi Dwar il-website tal-Kunsill giet diskussa l-possibilta' li ssir facebook page peress li hemm diversi kunsilli u anke entitajiet pubblici li ghamlu hekk. Il-Kunsill qabel li din issir bi prova.

vii Is-Sindku nfurmat li r-Regjun hareg l-offerta ghas-servizz tal-Authorised Officer u li l-specifikazzjonijiet ta' dan il-kuntratt saru mid-DLG. Hija nfurmat ukoll li r-responsabbilta' tat-tribunal issa qieghda f'idejn is-Segretarju Ezekuttiv tar-Regjun. Il-Kunsill gie nfurmat ukoll li inharget sejha ghall-offerti ghas-servizz ta' Accountant u dan gie mahtur. Hija rrappurtat ukoll li xi responsabbiltajiet tas-Segretarju Ezekuttiv se jigu delegati lill-Accountant.

viii Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat li l-Alberta nstallaw l-intruder alarm u ghalhekk dik provduta mill-Go issa tista' titnehha biex il-Kunsill ma jehilx spejjes zejda. Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

Antoinette Vassallo
Sindku

Marisa Pisani
Segretarju Ezekuttiv

## II PUNTI LI JOHORGU MILL-MINUTI (jkompli…)

ix Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat li wara laqgha li kellha ma l-Atlas Insurance dwar il-claim ghad-danni dawn ghaddew pagament *ex gratiae* lill-Kunsill ghas-somma ta' Euro1645.

x Il-Kunsillier E. Muscat talab li ssir addenda fil-minuti 37.I.I tat-3 ta' Novembru 2011 peress li l-Kunsillier F. Roe ma kienx prezenti waqt il-ftuh ta' l-offerti. Is-Sindku qalet li l-Kunsillier Muscat missu gibed l-attenzjoni waqt l-approvazzjoni tal-minuti. Is-Segretarju Ezekuttiv qalet li se tiehu nota ta' dan pero' l-Kunsilleri li kienu prezenti huma riflessi fl-iskeda ta' l-offerti li giet iffirmata minn dawk li kienu prezenti.

xi Il-Kunsill gie nfurmat li l-haddiem ta' l-IPSL Ivan Aguis gie trasferit fuq talba tieghu stess. Is-Sindku nfurmat li hija kellha laqgha mal-IPSL u kien hemm qbil li l-haddiem l-iehor iwettaq messengerial duties u xoghlijiet zghar peress li certu xoghlijiet iridu jkunu tnejn min-nies biex isiru.

xii Is-Sindku pprezentat ir-rapport tal-Perit dwar il-progett tar-roundabout li jinkludi l-varjazzjonijiet li saru. Hija pproponiet li l-Kuntrattur jithallas il-kumplament peress li x-xoghlijiet kollha issa gew certifikati. Il-Kunsillier F. Roe issekonda. Is-sindku qalet li tablet lill-Kuntrattur li pprovda l-bozoz ghal dan il-progett biex dawn jinbidlu u jsiru ta' ditta ohra peress li kollha qed imorru ftit wara li jigu nstallati. Hija pproponiet ukoll li jsir forma ta' maintenance agreement mal-Kuntrattur li hadem fuq il-progett biex jigi zgurat li ssir manutenzjoni regular ital-fontana. Hija hadet l-inkarigu li tkellmu dwar lista ta' xoghlijiet involuti u stima.

xiii Dwar il-papyroll il-Kunsill gie nfurmat li se jittiehed il-parir ta' l-accountant dwar l-ahjar sistema.

xiv Is-Segretarju Ezekutttiv rreferiet ghal Bye Law dwar l-ghamara tat-toroq. Hija qalet li t-tabelli tar-reklami ghandhom bzonn l-approvazzjoni tal-MEPA. Gie deciz li l-Kunsillieri responsabbli jidentifikaw it-toroq u l-post fejn se jitwahhlu t-tabelli biex tkun tista' issir applikazzjoni l-MEPA.

Antoinette Vassallo
Sindku

Marisa Pisani
Segretarju Ezekuttiv

## II PUNTI LI JOHORGU MILL-MINUTI (jkompli…)

xv Il-Kunsill gie nfurmat li l-Perit talab li qabel ma jsir il-heavy patching fuq Ir-Rampa jsir rapport mis-surveyor. Il-Kunsill qabel ma dan.

xvi Dwar is-servizz tal-gbir ta' skart goff il-Kunsillier A. Cachia Castelletti nforma li kellu laqgha mal-kollettur li ghalija attendiet ukoll is-Segretarju Ezekuttiv. Huwa rrapporta li gew iccarati xi affarijiet u issa nistennew li jkun hemm titjieb fis-servizz.

## III KOMMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

i Is-Sindku qalet li l-Kuntrattur li qed jibni l-Quantum House fit-tarf ta' Triq Abate Rigord infurmana li se jtella' hoarding wall. Dan se jsir biex jitnehha l-periklu lill-pubbliku waqt li jkunu qed jitwahhlu hgieg kbar mal-faccata tal-binja msemmija. Il-Kunsillier A. Cachia Castelletti ssuggerixxa li jsir ukoll double yellow line mal-hajt. Il-Kunsill qabel.

ii Is-Sindku rreferiet ghal-progett li qed isir fil-Marina mill-Gvern Centrali. Hija qalet li l-Kunsill diga' kien nefaq il-flus biex ghamel studju u anke l-pjanti biex din iz-zona tinbidel f'post ta' rikrejazzjoni ghar-residenti. Hija qalet li hija saret taf li se jinbdew ix-xoghlijiet 3 ijiem biss qabel meta l-works manager tal-progett gie l-Kunsill biex jurina l-pjanti.

Il-Kunsillier A. Cachia Castelletti qal li l-Kunsill kien jaf b'dan il-progett u kien konxju li kienet qieghda ssir pressjoni biex jitnehha l-periklu li kien qed jikkawza r-railing. Il-Kunsillier E. Muscat qal li huwa kien informa li x-xoghlijiet dalwaqt se jinbdew.

Is-Sindku qalet li minkejja dan il-Kunsill xorta kellu jigi kkonsultat kif gara meta kien se jsir l-upgrading tal-promenade. Hija qalet li se taghmel press release fejn tiddeplora dan.

Antoinette Vassallo
Sindku

Marisa Pisani
Segretarju Ezekuttiv

## III KOMMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU (jkompli)

iii Is-Sindku pprezentat rapport dwar l-istat tal-kolonni ta' Fuq ir-Rampa. Hija nfurmat li dan se jintbghat lit-TM ghal azzjoni minn naha taghhom.

iv Is-Sindku nfurmat li l-pagament tal-manutenzjoni tal-komun tal-Blk B tal-Highrise Apartments zdied b'Euro7.50. Ma kien hemm l-ebda offezzjoni dwar dan.

v Is-Sindku pprezentat il-kwotazzjoni ( Euro71.96) tal-Big Ben ghal-provista u t-twahhil ta' laminated flooring fil-conference room u fil-board room. Din giet approvata unanimament mill-Kunsill.

## IV APPROVAZZJONI TA' PAGAMENTI

i Giet approvata l-iskeda tal-pagamenti li giet iccirkulata minn qabel lill-Kunsillieri. Gie approvat ukoll il-petty cash.

**Il-Laqgha spiccat fis-7.45p.m. u sar aggornament bi qbil unanimu ghal-nhar it-Tlieta 7 ta' Frar 2012 fit-3.30p.m.**

Antoinette Vassallo
Sindku

Marisa Pisani
Segretarju Ezekuttiv